***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u disgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

Is-Sur Christian Sammut, is-Sur Johnaton Abela u s-Sinjura Carmen Borg kienu skużati.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u tmienja u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-aħħar laqgħa 'l hawn ġie armat it-*Tower Crane* u nbeda x-xogħol fuq il-pilastru u l-pedeamenti tal-proġett. Dr. P. Mifsud Bonnici staqsiet f'hiex waslu t-talbiet li saru dwar ħsarat allegatament kawżati mit-tħaffir. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur għadu qed jispezzjona l-ħsarat u għalhekk ma bdewx it-tiswijiet. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Kuntrattur fejn jintalab biex jagħmel it-tiswijiet minnufih għaliex f'ċerti każi s-sitwazzjoni tista' tigrava bil-maltemp.

*4.2. Premju Anzjan tas-Sena 2009*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Maria Dimech ma kinitx interessata li tiġi nominata filwaqt li ma kellnix id-dettalji meħtieġa tas-Sur Azzopardi.

*4.3. Fondi Speċjali*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-Fondi Speċjali biex jinfetaħ ix-xelter fi Triq Atocia ntbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

*4.4 Traffic Mirror*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li saret it-talba lid-Direttorat għall-Maniġġ tat-Traffiku biex titwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq Eldorado kantuniera ma' Triq Brighella.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-21 t' Awissu u t-24 ta' Settembru 2009.

*5.1 Societas Doctrinae Christianae- L-Ambjent ħdejn il-Kappella tal-Midalja Mirakuluża*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Segretarju Ġenerali tal-M.U.S.E.U.M dwar l-Ambjent ħdejn il-Kappella tal-Midalja Mirakuluża. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb il-materja li taqa' taħt ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali Ħamrun.

*5.2 Ħamrun Liberty S.C – Laqgħa dwar Festa San Gejtanu*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Ħamrun Liberty S.C sabiex issir laqgħa biex jiġu diskussi xi affarijiet relatati mal-Festa ta' San Gejtanu. Ġie deċiż li tiġi ffisata data għal-laqgħa.

*5.3 E.T.C – Skema: Xogħol fil-Komunita`*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-E.T.C ser tibgħat ħaddiem biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni mal-Kunsill minn nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2009. Il-persuna assenjata mal-Kunsill huwa s-Sur Marvin Zammit.

Fis-6.10pm s-Sindku talab sospenzjoni temporanja tal-laqgħa sabiex jiġu diskussi l-preparamenti taċ-*Chocolate Festival* ma' persuni li ser jgħinu f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Fis-7.30pm tkompliet il-laqgħa tal-Kunsill.

*5.4 Dr. Philip Agius - Malta Transport Museum*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Philip Agius għan-nom ta' *Touring Club Malta* biex jara jekk fil-Ħamrun jeżistix post li jista' jintuża bħala Mużew tat-Trasport ta' Malta. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lil Dr. Agius li l-Kunsill m'għandux *premises* fejn jista' jsir il-mużew

propost. Sadanitant ser isiru verifikazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar propjeta` tal-Gvern fil-Ħamrun.

Fis-7.35pm s-Sindku ġie skużat mil-laqgħa.

*5.5 IPSL Ltd – Job Sheet*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu jagħmlu *Job Sheet* għall-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsilli Lokali.

*5.6 Direttorat għall-Maniġġ tat-Traffiku – Alighting / Boarding Bay*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Direttorat approva talba sabiex issir *Alighting / Boarding Bay* fi Triq Danny Cremona quddiem Mickey's Child Care Centre għall-perjodu ta' tletin minuta mill-ħin ta' dħul u ħruġ ta' tfal.

*5.7 Sur Albert Decelis – Tarmac u Bozza*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Decelis fejn talab li Sqaq Sant Antnin tingħata wiċċ *tarmac* u ssir bozza ġdida. Il-Kunsill iddeċieda li ssir spezzjoni tal-isqaq.

*5.8 Uffiċċju tal-President – Presidents Charity Run*

Il-Kunsilli Lokali li minnhom ser tgħaddi ċ-*Charity Run* ġew mistiedna jorganizzaw xi attivita` waqt il-jum tal-ġirja. Il-Kunsilli ġew mistiedna wkoll jattendu għall-konferenza stampa li ser issir nhar is-Sibt 19 ta' Settembru fil-Palazz tal-President fejn ser tiġi mħabbra c-*Charity Run* li ser issir fis-6 ta' Diċembru 2009.

*5.9 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Għajnuna Finanzjarja*

Il-Kunsill Lokali Ħamrun irċieva ittra mill-Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu fejn talab għajnuna finanzjarja mill-Kunsill sabiex issir rampa tal-injam sabiex il-Knisja tkun aċċessibli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kappillan ippropona alternattivi kif il-Kunsill jista' jgħin fl-ispiża ta' €12,000.00. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jara jekk jistax jgħin finazjarjament biex issir rampa fuq propjeta tal-Knisja.

*5.10 Sur Josef Sammut – Traffic Management fi Triq Atocia*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Josef Sammut li talab biex isiru *yellow lines* quddiem il-garaxx tiegħu 71 fi Triq Atocia, Ħamrun sabiex vetturi ma jipparkjawx quddiem il-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Sammut sabiex iċempel lill-pulizija f'każ li vetturi jagħlqu l-aċċess tad-dħul jew ħruġ mill-garaxx.

*5.11 Dr Natasha Buontempo – Free 'O' Level Preparation Course*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr Buontempo fejn offriet li tgħati lezzjonijiet tal-'O' Level fl-Ingliż. L-istudenti iridu jħallsu biss €12 għan-notamenti. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi referuta lis-Sotto Kumitat responsabbli mill-Edukazzjoni.

*5.12 Solar Blinds & Interiors – Rimi ta' skart*

Il-Kunsill irċieva talba mill-propjetarja tal-ħanut *Solar Blinds & Interiors* fejn tablet biex jitneħħa *litter bin* li hemm ħdejn il-ħanut minħabba li qed jintremew boroż ta' skart domestiku viċin il-*bin*. Ġie deċiż li titneħħa l-*bin*.

*5.13 Directorate for Life Long Learning – Korsijiet bażiċi għall-Adulti*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nġabru d-dettalji tal-persuni interessati jattendu il-Kunsill Bażiċi għall-Adulti. Il-Kunsill qed jistenna konferma mill-Kap tal-Liċeo tas-Subien għall-użu tal-klassijiet qabel jiffirma l-ftehim mad-Direttorat.

*5.14 Sur Max Farrugia – Ħsarat fil-faċċata*

Il-Kunsill ircieva ittra mingħand is-Sur Max Farrugia fejn spjega li fl-aħħar laqgħa mar-residenti huwa kien irraporta ħsarat fil-faċċata tad-dar tiegħu. Huwa xtaq ikun jaf meta ser imur xi uffiċjal biex jara l-ħsarat. Il-Kunsill iddeċieda li jressaq dan ir-rapport lill-perit tal-kuntrattur.

*5.15 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2010*

Id-Dipartiment għal-Gvern Lokali nieda Skema dwar Inizjattivi Sportivi għas-sena 2010 fejn Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' €3,000.00 bħala kofinazjament.

*5.16 Ħamrun Spartans – Logħba testimonjali ad unur Stefan Sultana*

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Ħamrun Spartans ser jorganizzaw logħba testimonjali ad unur Stefan Sultana nhar il-Ġimgħa 9 t'Ottubru fis-7.00pm. Id-dħul ser ikun ta' €10.00. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk kienx ser jagħmel preżentazzjoni lil Stefan Sultana. Ġie deċiż li jingħata *token* b'rikonoxximent għall-kontribut fil-qasam sportiv tal-futbol.

*5.17 Għaqda Mużikali San Gejtanu Melbourne*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali San Gejtanu fi Melbourne fejn preżentaw kopja tal-Pogramm tal-Festa ta' San Gejtanu li jiċċelebraw fl-Awsrtralja. Huma talbu biex is-Sindku jibda jikteb messaġġ għall-programm tal-festa ta' San Gejtanu li jippublikaw fl-Awstralja.

Fit-8.30pm is-Sindku reġa daħal għal-laqgħa.

## 6. Chocolate Festival

Il-Kunsill approva unanimament li jqabbad is-servizzi tas-Sur Mario Camilleri tal-kumpanija Leisure & Animation Enterprses sabiex jieħu ħsieb il-kordinament, *marketing*, promozzjoni u loġistika meħtieġa għaċ-*Chocolate Festival* li ser issir is-Sibt 24 t' Ottubru 2009. Il-ħlas għal dan is-servizz ser ikun ta' €300 + VAT.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Mario Camilleri bagħat numru ta' *emails* biex jistieden lid-Dulċiera u Aġenti taċ-ċikkulata biex jipparteċipaw. Is-Sur Camilleri ser ikellem personalment lil dawk li juru interess fl-attivita. Is-Sindku informal ill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur Camilleri ltaqgħu ma' uffiċjali tal-*Institute of Tourism Studies* u li dawn urew interess li jipparteċipaw fl-attivita`.

Is-Sur Mario Camilleri aġġorna l-Kunsill dwar il-preparamenti għall-Festival. Ġie deċiż li s-Sindku jmur ikellem l-*Iscouts* biex jintużaw il-*premises* tagħhom waqt il-Festival.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Andrew Farrugia offra l-konsolenza tiegħu fir-rigward dak kollu relatat maċ-ċikkulata. Is-Sur Farrugia huwa *lecturer* fl-ITS. Huwa lest jgħin fil-kordinazzjoni tal-Festival partikolarment fejn tidħol il-qasam taċ-ċikkulata.

Il-Kunsill approva li jqabbad lis-Sur Andrew Farrugia għall-konsulenza. Il-ħlas għal dan is-servizz ser ikun ta' €400.00. Ġie spjegat illi s-Sur Farrugia ser jipparteċipa fil-Festival fejn ser jagħmel skultura taċ-ċikkulata.

## 7. Attivitajiet tal-Milied

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-kumitat responsabbli mill-attivitajiet tal-Milied qed jiltaqa' regolarment biex iħejji programm. Ġie deċiż li ssir laqgħa oħra fil-jiem li ġejjin biex jiġi ffinalizzat u approvat il-programm finali.

## 8 Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

### *8.1 Ħamrun Spartans – Installazjoni ta' CCTVC*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' uffiċjal mill-Ħamrun Spartans F.C fejn ġiet diskussa l-problema ta' abbuż ta' rimi ta' skart fi Triq Mile End ħdejn l-entratura tal-VIP's. Is-Sur Frans Zammit spejga li l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Victor Tedesco Stadium kienet lesta tħallas għall-konsum tal-elettriku u nofs l-ispejjeż relatati mall-installazzjoni ta' CCTVC ħdejn l-entraturi tal-V.I.P fi Triq Mile End. L-istima biex issir CCTVC mingħand Firetech hija dik ta' €1,928.26. Il-Kunsill approva li jħallas nofs l-ispejjeż biex jinqata' dan l-abbuż ta' rimi ta' skart fit-triq. Ġie deċiż li qabel tinxtara s-CCTVC ssir laqgħa mal-Pulizija biex nistabbilixxu kif nipproċedu f'każ li xi persuni jinqabdu fuq is-CCTVC jarmu skart fit-triq.

## 9. Schedule of payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-24 ta' Settembru 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontjiet.

**10. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

______________________

DATA